



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Settembru 2014
(OR. en)

12731/14
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2014/0240 (NLE)

EEE 56
SAN 325
PHARM 61
MI 600

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Awwissu 2014
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2014) 522 final - ANNESS
Suġġett:	ANNESSE għad-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2014 ta' li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet għall- proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Programm tas-Saħħa)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2014) 522 final - ANNESS.

Mehmuż: COM(2014) 522 final - ANNESS



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.8.2014
COM(2014) 522 final

ANNEX 1

ANNESS

**għad-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2014
ta'**

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma
jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

għall-

proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt
taż-ŻEE dwar emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar kooperazzjoni
f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet
(Programm tas-Saħħa)**

ANNEX

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru .../2014

ta'

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE,
dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim taż-ŻEE"), u partikolarment l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li tiġi estiża l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim taż-ŻEE sabiex tinkludi r-Regolament (UE) Nru 282/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar it-twaqqif tat-tielet Programm għal azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE¹.
- (2) Huwa xieraq li l-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fl-attivitajiet li jirriżultaw mir-Regolament (UE) Nru 282/2014 tibda mill-1 ta' Jannar 2014 ukoll jekk din id-Deċiżjoni tiġi adottata, jew jekk it-twertiq tar-rekwiżiti kostituzzjonali għal din id-Deċiżjoni, jekk ikun hemm, ikun innotifikat wara l-10 ta' Lulju 2014.
- (3) Entitajiet stabbiliti fl-Istati tal-EFTA għandhom ikunu intitolati li jipparteċipaw f'attivitajiet li jibdwu qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. L-ispejjeż imġarrba għal dawn l-attivitajiet, li l-implimentazzjoni tagħhom tibda wara l- 1 ta' Jannar 2014, jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli taħt l-istess kundizzjonijiet bħal daww applikabbli għal spejjeż imġarrba minn entitajiet stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE sakemm din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ qabel it-tmiem tal-azzjoni kkonċernata.
- (4) Għalhekk, il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2014.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 16 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE:

- "- **32014 R 0282:** Ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar l-istabbiliment tat-tielet programm ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 1).

¹ ĠU L 86, 21.3.2014, p. 1.

L-ispejjeż imġarrba għal attivitajiet li l-implimentazzjoni tagħhom tibda wara l- 1 ta' Jannar 2014, jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli mill-bidu tal-azzjoni taħt il-ftehim tal-għotja jew id-deċiżjoni tal-għotja konċernat sakemm id-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE No.../2014 tal-... jidħol fis-seħħ qabel tmiem l-azzjoni.

Il-Liechtenstein jiġi eżentat mill-parteciġazzjoni f'dan il-programm u milli jagħti kontribut finanzjarju għalih."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim taż-ŻEE*.

Hija tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President*

*Is-Segretarji
għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

* [L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.] [Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]